Jekk għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni lokali tal-post konsulari ma jkunx xieraq li l-uffiċċju konsulari jintrama għat-teħid/ il-ġbir ta' l-identifikaturi *bio*metriċi jew li tiġi organizzata ko-lokazzjoni jew li jitwaqqaf Ċentru Komuni għall-Applikazzjonijiet, Stat Membru jew diversi Stati Membri jistgħu, b'mod konġunt, jikkooperaw ma' fornitur estern tas-servizzi għar-riċeviment ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi. F'każ bħal dan, l-Istat(i) Membru/i konċernat(i) għandu/għandhom jibqa'/jibqgħu responsabbli għall-konformità mar-regoli *tat-tħaris* tad-*data* fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi.	Jekk, għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni lokali tal-post konsulari, ma jkunx xieraq li l-uffiċċju konsulari jintrama għat-teħid/ il-ġbir ta' l-identifikaturi biometriċi jew li tiġi organizzata ko-lokazzjoni jew li jitwaqqaf Ċentru Komuni għall-Applikazzjonijiet, Stat Membru jew diversi Stati Membri jistgħu, b'mod konġunt, jikkooperaw ma' fornitur estern tas-servizzi għar-riċeviment ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi (inklużi l-identifikaturi biometriċi). ***L-esternalizzazzjoni tal-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi m'għanhiex issir jekk mhux bħala l-aħħar rikors.*** F'każ bħal dan, l-Istat(i) Membru/i konċernat(i) għandu/għandhom jibqa'/jibqgħu responsabbli għall-konformità mar-regoli *tal-ħarsien* tad-data ***u l-ġbir tad-data. u b'mod partikulari ta' data bijometrika,*** u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-esternalizzazzjoni tal-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi m'għanhiex jekk mhux bħala l-aħħar rikors. Barra minn hekk, minħabba l-karattru sensittiv tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-ġbir tagħhom u mhux biss għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet tal-viżi.

Emenda mressqa minn Martine Roure

Emenda 46
L-Artikolu 1, punt 3
Punt VII, punt 1.B) (CCI)

1. B.1 - Tipi ta' kooperazzjoni ma' fornituri esterni tas-servizzi	1. B.1 - Tipi ta' kooperazzjoni ma' fornituri esterni tas-servizzi
Il-kooperazzjoni ma' fornituri esterni tas-servizzi għadha tkun f'dawn il-forom [jew f'waħda minnhom]:	Il-kooperazzjoni ma' fornituri esterni tas-servizzi għadha tkun f'dawn il-forom [jew f'waħda minnhom]:
a) il-fornitur estern tas-servizzi għandu	a) il-fornitur estern tas-servizzi għandu

jservi ta’ ċentru għas-sejħiet (call centre) biex jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-ħtiġiet li għandhom jiġu osserati meta ssir applikazzjoni għall-viża u jkun responsabbli wkoll għas-sistema ta' l-appuntamenti;	jservi ta’ ċentru għas-sejħiet (call centre) biex jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-ħtiġiet li għandhom jiġu osserati meta ssir applikazzjoni għall-viża u jkun responsabbli wkoll għas-sistema ta' l-appuntamenti;
b) il-fornitur estern tas-servizzi għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-ħtiġiet li għandhom jiġu osservati meta ssir applikazzjoni għall-viża, jiġbor l-applikazzjonijiet, id-dokumenti ġustifikattivi u d-*data bio*metrika mingħand l-applikanti u jiġbor il-miżata amministrattiva (kif prevista fil-Parti VII, il-punt 4 u l-Anness 12) u jibgħat il-fajls kompluti u d-*data* lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari ta’ l-Istat Membru kompetenti għall-ipproċessar ta’ l-applikazzjoni.	b) il-fornitur estern tas-servizzi għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-ħtiġiet li għandhom jiġu osservati meta ssir applikazzjoni għall-viża, jiġbor l-applikazzjonijiet, id-dokumenti ġustifikattivi u d-*data bijo*metrika ***jekk il-ġbir ta' dawn ma jkunx jista' jsir mill-uffiċċji konsulari u bħala l-aħħar rikors*** mingħand l-applikanti u jiġbor il-miżata amministrattiva (kif prevista fil-Parti VII, il-punt 4 u l-Anness 12) u jibgħat il-fajls kompluti u d-*data* lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari ta’ l-Istat Membru kompetenti għall-ipproċessar ta’ l-applikazzjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-esternalizzazzjoni tal-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi m'għandhiex issir jekk mhux bħala l-aħħar rikors. Barra minn hekk, minħabba l-karattru sensittiv tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-ġbir tagħhom u mhux biss għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet tal-viżi.

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 47
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Punt VII, punt 1.B.1, punt (b) (CCI)

b) il-fornitur estern tas-servizzi għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-*ħtiġiet* li għandhom jiġu osservati meta ssir applikazzjoni għall-viża, jiġbor l-applikazzjonijiet, id-dokumenti ġustifikattivi u d-data *biometrika* mingħand l-applikanti u jiġbor il-miżata amministrattiva (kif prevista fil-Parti VII, il-punt 4 u l-Anness 12) ***u*** jibgħat il-fajls kompluti u id-data lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju	b) il-fornitur estern tas-servizzi għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-*ħtiġijiet* li għandhom jiġu osservati meta ssir applikazzjoni għall-viża, jiġbor l-applikazzjonijiet, id-dokumenti ġustifikattivi u d-data *bijometrika* mingħand l-applikanti u jiġbor il-miżata amministrattiva (kif prevista fil-Parti VII, il-punt 4 u l-Anness 12)***,*** jibgħat il-fajls kompluti u id-data lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju

konsulari ta’ l-Istat Membru kompetenti għall-ipproċessar ta’ l-applikazzjoni.	konsulari ta’ l-Istat Membru kompetenti għall-ipproċessar ta’ l-applikazzjoni ***u jreġġa’ lura l-passaport lill-applikant jew lil rappreżentant legali fi tmiem il-proċedura***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 24 ta’ l-abbozz tar-rapport.

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 48
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Punt VII, punt 1.B.2 (CCI)

1.B.2 - L-Obbligazzjonijiet ta’ l-Istati Membri	1.B.2 - L-Obbligazzjonijiet ta’ l-Istati Membri
L-Istat(i) Membru*(i) konċernat(i) għandu/hom* jagħżel/jagħżlu fornitur estern tas-servizzi li jkun kapaċi jiżgura l-miżuri tekniċi u organizzattivi kollha ta' sigurtà ***u l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa mitluba mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri*** biex titħares id-data personali minn qirda aċċidentali jew illegali, *minn* telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq xi netwerk *jew* ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u data lill-post konsulari, u minn kull forma *oħra* illegali ta’ pproċessar.	L-Istat(i) Membru*/i kkonċernat(i) għandu/għandhom* jagħżel/jagħżlu fornitur estern tas-servizzi li jkun kapaċi jiżgura ***kwalità għolja ta’ servizz u*** l-miżuri tekniċi u organizzattivi kollha ta' sigurtà ***meħtieġa*** biex titħares id-data personali minn qirda aċċidentali jew illegali *jew minn* telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq xi netwerk *kif ukoll* ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u data lill-post konsulari, u minn kull forma illegali *oħra* ta’ pproċessar.
Fil-proċess ta’ l-għażla tal-fornituri esterni tas-servizzi, il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta’ l-Istati Membri għandhom jagħrblu lill-*kumanija* biex jaraw jekk hix solventi u affidabbli (u jaraw għandhiex il-liċenzji meħtieġa, għandhiex reġistrazzjoni kummerċjali, u jiflu l-istatuti tagħha u l-kuntratti bankarji) u *jiżguraw* li ma *jkunux* jeżisti konflitt ta’ interessi.	Fil-proċess ta’ l-għażla tal-fornituri esterni tas-servizzi, il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta’ l-Istati Membri għandhom jagħrblu lill-*kumpanija* biex jaraw jekk hix solventi u affidabbli (u jaraw għandhiex il-liċenzji meħtieġa, għandhiex reġistrazzjoni kummerċjali, u jiflu l-istatuti tagħha u l-kuntratti bankarji) u *għandhom jiżguraw* li ma *jkunx* jeżisti konflitt ta’ interessi.

	Il-missjonijiet diplomatiċi ta' l-Istati Membri jew l-uffiċċji konsulari tagħhom iridu jiżguraw li l-kumpanija magħżula hija waħda ta' fama tajba, li toffri livell adegwat ta' fehim reali u prattika ta' l-assikurazzjoni ta' l-informazzjoni u tas-sigurtà tad-data. L-Istati Membri għandhom isegwu l-aħjar prattiki ta' l-akkwist pubbliku meta jiġu biex jikkuntrattaw servizzi esterni ta' appoġġ għall-viża.
Il-fornituri esterni tas-servizzi għall-ebda raġuni m'għandu jkollhom aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS). L-aċċess għall-VIS għandu jkun riżervat esklussivament għal staff *awtorizzat tal*–missjonijiet diplomatiċi jew l-uffiċċji konsulari.	Il-fornituri esterni tas-servizzi għall-ebda raġuni m'għandu jkollhom aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS). L-aċċess għall-VIS għandu jkun riżervat esklussivament għal staff *tal-*missjonijiet diplomatiċi jew *ta'* l-uffiċċji konsulari *li jkun awtorizzat kif jixraq* ***unikament għall-għanijiet stipulati fir-Regolament tal-VIS.***
L-Istat Membru jew l-Istati Membri *konċernati* għandhom *jagħlqu* kuntratt mal-fornitur estern tas-servizzi f'konformità ma' l-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46. Qabel ma *jagħlqu* kuntratt ta' dan it-tip, il-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju ta' l-Istat Membru *konċernat* għandu***, fl-ambitu tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jinforma*** lill-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' Stati Membri oħra u lid-delegazzjoni tal-Kummissjoni ***għaliex dan il-kuntratt huwa meħtieġ***.	L-Istat Membru jew l-Istati Membri *kkonċernati* għandhom *jikkonkludu* kuntratt ***bil-miktub*** mal-fornitur estern tas-servizzi f'konformità ma' l-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46. Qabel ma *jikkonkludu kuntratt* ta' dan it-tip, il-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju ta' l-Istat Membru *kkonċernat* għandu ***jiġġustifika l-ħtieġa li jsir il-kuntratt, bl-għoti ta' raġunijiet,*** lill-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' Stati Membri oħra u lid-delegazzjoni tal-Kummissjoni ***fi ħdan il-koperazzjoni konsulari lokali***.
Apparti l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46, il-kuntratt għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li:	Apparti l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46, il-kuntratt għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li:
a) jiddefinixxu r-responsabbiltajiet *ezatti* tal-fornitur tas-servizzi,	a) jiddefinixxu r-responsabbiltajiet *eżatti* tal-fornitur tas-servizzi,
b) *jesiġu* li l-fornitur tas-servizzi jaġixxi skond l-istruzzjonijiet ta' l-Istati Membri responsabbli u jipproċessa d-data *esklussivament* għall-*fini* ta' l-ipproċessar tad-data personali ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi f'isem l-Istati Membri responsabbli f'konformità mad-Direttiva	*b) jirrekjiedu* li l-fornitur tas-servizzi jaġixxi skond l-istruzzjonijiet ta' l-Istati Membri responsabbli u jipproċessa d-data *biss* għall-*finijiet* ta' l-ipproċessar tad-data personali ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi f'isem l-Istati Membri responsabbli f'konformità mad-Direttiva 95/46*;*

95/46,

c) *jesiġu* li l-fornitur tas-servizzi jipprovdi lill-applikanti *bl*-informazzjoni meħtieġa skond *ir*-Regolament ....., [l-abbozz tar-regolament tal-VIS];

c) *jirrekjiedu* li l-fornitur tas-servizzi jipprovdi lill-applikanti *l*-informazzjoni meħtieġa skond ***l-Artikolu 37 ta'*** *l-abbozz tar*-Regolament, ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal żjarat qosra;***

ca) jirrekjiedu li l-fornitur tas-servizzi jiżgura li l-istaff tiegħu huwa mħarreġ kif jixraq u li l-istaff jirrispetta r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 1 (1a);

cb) jirrekjiedu li l-fornitur tas-servizzi jadotta miżuri xierqa għal kontra l-korruzzjoni;

cc) jirrekjiedu li l-fornitur tas-servizzi jirrapporta lill-Istat Membru responsabbli mingħajr dewmien kull ksur tas-sigurtà jew kull problema oħra li tista' tinqala';

cd) jirrekjiedu li l-fornitur tas-servizzi jirreġistra d-dettalji ta' kull ilment jew notifika li tista' ssir mill-applikanti dwar l-użu ħażin tad-data jew dwar aċċess mhux awtorizzat għad-data. Il-fornitur estern tas-servizzi għandu jgħarraf lill-missjoni diplomatika ta' l-Istat Membru responsabbli jew lill-uffiċċju konsulari tiegħu mingħajr dewmien u jikkoordina magħhom sabiex isib soluzzjoni. L-ilmenti għandhom jiġu ttrattati b'tali mod li jkun żgurat li r-risposti spjegattivi jingħataw jingħataw lill-applikanti għall-viżi fil-pront.

d) jipprovdu għal aċċess mill-istaff konsulari għall-uffiċċji tal-fornitur tas-servizzi, ikun x'ħin u meta jkun,

d) jipprovdu għal aċċess mill-istaff konsulari għall-uffiċċji tal-fornitur tas-servizzi, ikun x'ħin u meta jkun;

e) *jesiġu* li l-fornitur tas-servizzi josserva r-regoli tal-kunfidenzjalità ***(inkluż it-tħaris tal-ġbir tad-data fir-rigward ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi***

e) *jirrekjiedu* li l-fornitur tas-servizzi josserva r-regoli tal-kunfidenzjalità ***li għandhom japplikaw ukoll ladarba l-istaff ikun telaq mill-impjieg mal-fornitur estern tas-servizzi jew wara s-sospensjoni tal-kuntratt jew wara li l-kuntratt ikun inġab fi tmiemu;***

ea) jiżguraw il-konformità mal-ħarsien tad-data, inklużi l-obbligi ta' l-irrappurtar,

verifiki esterni, spezzjonijiet fuq il-post li jsiru b'mod regolari minn, inter alia, awtoritajiet nazzjonali għall-ħarsien tad-data u li hemm mekkaniżmi disponibbli għat-tqassim tar-responsabilità ta' kuntrattur fil-każ ta' ksur tar-regolamenti dwar il-privatezza, inkluż l-obbligu li jingħata kumpens lill-individwi fejn dawn ikunu sofrew dannu li jkun jirriżulta minn xi att jew ommissjoni min-naħa tal-fornitur tas-servizzi;

eb) jirrekjiedu li mingħajr dewmien il-fornitur tas-servizzi jittrasmetti l-fajl komplut lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari ta' l-Istat Membru responsabbli mill-ipproċessar ta' l-applikazzjoni u li ma jikkupjax, jerfa', jew inkella jżomm xi data miġbura wara t-trasmissjoni;

ec) jirrekjiedu li l-fornitur tas-servizzi jimpedixxi kull qari, ikkupjar, tibdil jew tħassir mhux awtorizzat ta' data tal-visa waqt it-trasmissjoni mill-fornitur tas-servizzi lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari ta' l-Istat Membru responsabbli mill-ipproċessar ta' l-applikazzjoni, b'mod partikulari permezz ta' tekniki xierqa ta' kodifikazz'oni.

f) ikun fihom klawsola ta' sospensjoni jew terminazzjoni.

fa) ikun fihom klawsola ta' reviżjoni bit-tama li jkun żgurat li l-kuntratti jkunu jirriflettu l-aħjar prattiki tal-mument.

Għandu jiġi stabbilit xempju ta' kuntratt fi ħdan il-koperazzjoni konsulari lokali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm l-inqas tħarbit possibbli tas-servizz għall-applikanti għall-viża fil-każ li jiġri li l-fornitur estern tas-servizzi jieqaf ħesrem milli jipprovdi s-servizzi meħtieġa skond il-kuntratt.

L-Istat Membru jew l-Istati Membri *konċernati* għandhom jissorveljaw l-*eżekuzzjoni* tal-kuntratt, *b'mod partikolari*:

L-Istat Membru jew l-Istati Membri *kkonċernati* għandhom ***jiżguraw prattiki ta' koperazzjoni mill-qrib mal-fornitur estern tas-servizzi u għandhom*** jissorveljaw ***mill-qrib*** l-*implimentazzjoni* tal-kuntratt, *inkluż*i:

a) l-informazzjoni ġenerali pprovduta mill-fornitur tas-servizzi lill-applikanti tal-viżi;	a) l-informazzjoni ġenerali pprovduta mill-fornitur tas-servizzi lill-applikanti tal-viżi;
b) il-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà u l-miżuri tekniċi u organizzattivi għat-tħaris tad-data personali minn qirda aċċidentali jew illegali, *minn* telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq xi netwerk, u minn kull forma oħra illegali ta' pproċessar kif ukoll ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u data lill-*post* konsulari;	b) il-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà u l-miżuri tekniċi u organizzattivi għat-tħaris tad-data personali minn qirda aċċidentali jew illegali, *jew minn* telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq xi netwerk, u minn kull forma oħra illegali ta' pproċessar kif ukoll ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u data lill-***missjoni diplomatika*** *jew lill-uffiċċju* konsulari;
c) ir-rilevar ta' l-identifikaturi biometriċi	c) ir-rilevar ***u t-trażmissjoni*** ta' l-identifikaturi biometriċi
d) il-miżuri mittieħda biex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet *dwra* it-tħaris tad-data.	d) il-miżuri mittieħda biex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet *dwar* it-tħaris tad-data ***u dwar is-sigurtà tad-data kif ukoll kontra l-korruzzjoni.***
L-ammont totali tal-miżati *mitlub* mill-fornitur estern tas-servizzi għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għall-viża m'għandux jaqbeż il-miżata stipulata fl-anness 12.	L-ammont totali tal-miżati *mitluba* mill-fornitur estern tas-servizzi għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għall-viża m'għandux jaqbeż il-miżata stipulata fl-anness 12.
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm proċedura disponibbli li tippermetti li jiġi identifikat il-fornitur estern tas-servizzi involut f'xi applikazzjoni tal-viża.
L-istaff konsulari ta' l-Istat Membru jew l-Istati Membri *konċernat/i* għandu jipprovdi t-taħriġ lill-fornitur tas-servizz, li jkun jikkorrespondi ma' l-għarfien meħtieġ biex ikunu jistgħu jingħataw lill-applikanti għall-viżi servizz xieraq u informazzjoni suffiċjenti.	L-istaff konsulari ta' l-Istat Membru jew l-Istati Membri *kkonċernat/i* għandu jipprovdi t-taħriġ lill-fornitur tas-servizz, li jkun jikkorrespondi ma' l-għarfien meħtieġ biex ikunu jistgħu jingħataw lill-applikanti għall-viżi servizz xieraq u informazzjoni suffiċjenti.

Or. en

Justification

This amendment replaces Amendment 25 of the draft report.

A provision on the quality of service is added since visa applicants should receive a high-quality service. An external service provider will, in many cases, be the first image of the EU encountered by applicants and should therefore also fulfil certain quality standards. The deletion clarifies the text.

To avoid any misunderstanding, it should be explicitly stated that access to the VIS can take place only for the purposes mentioned in the VIS Regulation.

The Member States should justify why outsourcing is necessary.

A series of clauses have been added regarding the scope of contracts with external service providers. The specifications enumerated in point (ea) are proposed by the EDPS (p. 7 of his opinion) and those mentioned in point (eb) are proposed by the Article 29 Working Party (p. 10 of their opinion). Most of the other specifications are based on a recent UK independent report on the breach of data security in the VFS online UK visa application facility, operated through VFS websites in India, Nigeria and Russia. Member States may add further requirements if they deem them necessary. It is important that a model contract established by Member States in order to harmonise Member Sates' practices to the fullest extent possible and facilitate cooperation.

It is essential that the implementation of the contract with external service providers be closely monitored, including matters such as transmission of biometric identifiers to the responsible Member State and measures taken to ensure data security and prevent corruption.

As suggested also by the Article 29 Working Party (p. 10 of their opinion), it is important that all external service providers can be identified for reasons of transparency and accountability.

Emenda mressqa minn Martine Roure

Emenda 49
L-Artikolu 1, punt 3
Parti VII, punt 1.B.2 (ICC)

1.B.2 - Obbligi ta’ l-Istati Membri	1.B.2 - Obbligi ta’ l-Istati Membri
L-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) għandu/hom jagħżel/jagħżlu fornitur estern tas-servizzi li jkun kapaċi jiżgura l-miżuri tekniċi u organizzattivi kollha ta' sigurtà u l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa mitluba mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri biex titħares id-data personali minn qirda aċċidentali jew illegali, minn telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-*data* fuq xi netwerk jew ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u data lill-post konsulari, u minn kull forma oħra	***Bi qbil mad-Direttiva 95/46/KE,*** l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) għandu/hom jagħżel/jagħżlu fornitur estern tas-servizzi li jkun kapaċi jiżgura l-miżuri tekniċi u organizzattivi kollha ta' sigurtà u l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa mitluba mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri biex titħares id-data personali minn qirda aċċidentali jew illegali, minn telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq xi netwerk jew ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u data

illegali ta’ pproċessar.

lill-post konsulari, u minn kull forma oħra illegali ta’ pproċessar.

Fil-proċess ta’ l-għażla tal-fornituri esterni tas-servizzi, il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta’ l-Istati Membri għandhom jagħrblu lill-kumpanija biex jaraw jekk hix solventi u affidabbli (u jaraw għandhiex il-liċenzji meħtieġa, għandhiex reġistrazzjoni kummerċjali, u jiflu l-istatuti tagħha u l-kuntratti bankarji) u jiżguraw li ma jkunux jeżisti konflitt ta’ interessi.

Fil-proċess ta’ l-għażla tal-fornituri esterni tas-servizzi, il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta’ l-Istati Membri għandhom jagħrblu lill-kumpanija biex jaraw jekk hix solventi u affidabbli (u jaraw għandhiex il-liċenzji meħtieġa, għandhiex reġistrazzjoni kummerċjali, u jiflu l-istatuti tagħha u l-kuntratti bankarji) u jiżguraw li ma jkunux jeżisti konflitt ta’ interessi.

Il-fornituri esterni tas-servizzi għall-ebda raġuni m’għandu jkollhom aċċess għas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS). L-aċċess għall-VIS għandu jkun riżervat esklussivament għal staff awtorizzat tal–missjonijiet diplomatiċi jew ta' l-uffiċċji konsulari.

Il-fornituri esterni tas-servizzi għall-ebda raġuni m’għandu jkollhom aċċess għas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS). L-aċċess għall-VIS għandu jkun riżervat esklussivament għal staff awtorizzat tal–missjonijiet diplomatiċi jew ta' l-uffiċċji konsulari.

L-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati għandhom jagħlqu kuntratt mal-fornitur estern tas-servizzi f'konformità ma' l-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46. Qabel ma jagħlqu kuntratt ta’ dan it-tip, il-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju ta’ l-Istat Membru konċernat għand*hu*, fl-ambitu tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jinform*a* lill-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' Stati Membri oħra u lid-delegazzjoni tal-Kummissjoni għaliex dan il-kuntratt huwa meħtieġ.

L-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati għandhom jagħlqu kuntratt mal-fornitur estern tas-servizzi f'konformità ma' l-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46. Qabel ma jagħlqu kuntratt ta’ dan it-tip, il-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju ta’ l-Istat Membru konċernat għand*hom*, fl-ambitu tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jinform*aw* lill-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' Stati Membri oħra u lid-delegazzjoni tal-Kummissjoni għaliex dan il-kuntratt huwa meħtieġ.

Apparti l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46, il-kuntratt għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li:

Apparti l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46, il-kuntratt għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li:

jiddefinixxu r-responsabbiltajiet ezatti tal-fornitur tas-servizzi,

jiddefinixxu r-responsabbiltajiet ezatti tal-fornitur tas-servizzi,

jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jaġixxi skond l-istruzzjonijiet ta’ l-Istati Membri responsabbli u jipproċessa d-data esklussivament għall-fini ta' l-ipproċessar tad-data personali ta’ l-applikazzjonijiet għall-viżi f’isem l-Istati Membri responsabbli f’konformità mad-Direttiva

jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jaġixxi skond l-istruzzjonijiet ta’ l-Istati Membri responsabbli u jipproċessa d-data esklussivament għall-fini ta' l-ipproċessar tad-data personali ta’ l-applikazzjonijiet għall-viżi f’isem l-Istati Membri responsabbli f’konformità mad-Direttiva

95/46,	95/46,
jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jipprovdi lill-applikanti bl-informazzjoni meħtieġa skond ir-Regolament ….. [l-abbozz tar-regolament tal-VIS],	jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jipprovdi lill-applikanti bl-informazzjoni meħtieġa skond ir-Regolament ….. [l-abbozz tar-regolament tal-VIS],
jipprovdu għal aċċess mill-istaff konsulari għall-uffiċċji tal-fornitur tas-servizzi, ikun x'ħin u meta jkun,	jipprovdu għal aċċess mill-istaff konsulari għall-uffiċċji tal-fornitur tas-servizzi, ikun x'ħin u meta jkun,
jesiġu li l-fornitur tas-servizzi josserva r-regoli tal-kunfidenzjalità (inkluż *it-tħaris* tal-ġbir tad-data fir-rigward ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi	jesiġu li l-fornitur tas-servizzi josserva r-regoli tal-kunfidenzjalità (inkluż *il-ħarsien* tal-ġbir tad-data fir-rigward ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi
f) jkun fihom klawżola ta' sospensjoni jew terminazzjoni.	f) jkun fihom klawżola ta' sospensjoni jew terminazzjoni.
	f a) jesiġu li d-data bijometrika ma tinzammx għand il-fornitur tas-servizz imma tintbgħat regolarmment lis-servizzi konsulari kompetenti sabiex titħares is-sigurtà tagħha;
	f c) jesiġu li jkun hemm regoli biex l-imġiba ta' l-istaff inkarigat mill-ġbir tad-data bijometrika turi l-akbar rispett għad-dinjità tal-persuna. Kull miżura li tittieħed fl-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet għandha tkun proporzjonata ma' l-iskopijiet ta' din il-miżura. Fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet, l-istaff m'għandu juri ebda diskriminazzjoni ma' persuni rigward sess, oriġini ta' razza jew etniċità, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.
	Or. fr

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-karattru sensittiv tagħha, id-data bijometrika għandha tinżamm biss mis-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri sabiex titħares is-sigurtà tagħha.

Jeħtieġ li jiġu definiti r-regoli għall-imġiba ta' l-istaff inkarigat mill-ġbir tad-data bijometrika (skond il-kodiċi tal-fruntieri).

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 50
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Punt VII, punt 1.B.5 (CCI)

1.b.5 - Tagħrif	1.b.5 - Tagħrif
Il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji ta' l-Istati Membri għandhom jesponu fil-pubbliku informazzjoni preċiża dwar kif għandu jkun irranġat appuntament u kif għandu jsir it-tfigħ ta' applikazzjoni għall-viża.	***L-Istati Membri u l-missjonijiet diplomatiċi tagħhom jew l-uffiċċji konsulari tagħhom għandhom jipprovdu lill-pubbliku ġenerali t-tagħrif relevanti kollu f'dak li jirrigwarda applikazzjoni għal viża:*** ***(a) il-kriterji, kundizzjonijiet u proċeduri biex persuna tapplika għal viża;*** ***(b) il-mezzi kif wieħed jakkwista appuntament, jekk dan ikun applikabbli;*** ***(c) fejn għandha tintefa' l-applikazzjoni (missjoni diplomatika kompetenti jew uffiċċju konsulari kompetenti, ċentru komuni għall-applikazzjonijiet jew fornitur estern tas-servizzi).*** ***Dan it-tagħrif lill-pubbliku ġenerali għandu jkun disponibbli wkoll permezz tas-sit ta' l-Internet komuni tal-viża ta' Schengen li għalih hemm dispożizzjoni fil-punt VII, punt 1.B.5.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 26 ta' l-abbozz tar-rapport.

Din hija kkupjata mill-Artikolu 41(1) tal-proposta tal-Kodiċi tal-Viża li hija wisq aħjar mit-test preżenti. Peress li t-test preżenti se jidħol fis-seħħ probabilment qabel ma jidħol fis-seħħ il-Kodiċi tal-Viża, huwa importanti li dawk id-dispożizzjoni li huma meqjusa li huma indispensabbli għall-iffunzjonar tal-VIS jiġu inkorporati fit-test preżenti. Għar-referenza għas-sit ta' l-internett tal-viża ta' Schengen, ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda dwar l-ARTIKOLU 1, PUNT 3, Punt VII, punt 1.B.5 ġdid (CCI).

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 51
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Punt VII, punt 1.B.5 ġdid (CCI)

Għandu jiġi stabbilit sit ta' l-Internet komuni tal-viża ta' Schengen sabiex tkompli tappoġġja l-applikazzjoni tal-politika komuni tal-viża. Is-sit ta' l-Internet tal-viża ta' Schengen għandu jappoġġja it-trattament tal-proċedura tal-viżi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-idea li jkun stabbilit sit ta' l-internet komuni tal-viża ta' Schengen, www.schengenvisa.eu tressqet minn Henrik Lax fl-abbozz tar-rapport tiegħu dwar il-Kodiċi tal-Viża u r-rapporteur preżenti din jaċċettaha għal kollox. Peress li t-test preżenti se jidħol fis-seħħ probabilment qabel ma jidħol fis-seħħ il-Kodiċi tal-Viża, huwa importanti li din id-dispożizzjoni tiġi inkorporata hawnhekk.

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 52
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Punt VII, punt 1.D, paragraph 1 (CCI)

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kif bi ħsiebhom jorganizzaw ir-riċeviment u l-ipproċessar *tal*-applikazzjonijiet għall-viżi f'kull post konsulari. Il-Kummissjoni għandha tiżgura *li din l-informazzjoni għandu jkollha pubbliċità* xierqa.	L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kif bi ħsiebhom jorganizzaw ir-riċeviment u l-ipproċessar *ta' l*-applikazzjonijiet għall-viżi f'kull post konsulari. Il-Kummissjoni għandha tiżgura *pubblikazzjoni xierqa* ***dwar is-sit ta' l-internet komuni tal-viża ta' Schengen***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 28 ta' l-abbozz tar-rapport. Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda dwar il-Premessa 5.

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 53
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Punt VII, punt 1.E (ġdid) (CCI)

1.E Responsabilitajiet ġenerali

1.E.1 Dokumenti

Kull dokument, data jew identifikatur bijometriku li jintlaqa' minn Stat Membru, jew f'ismu, waqt li qiegħda ssir applikazzjoni għandu jitqies bħala "dokument konsulari" skond il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari u għandu jiġi ttrattat b'mod xieraq.

1.E.2 Taħriġ

Qabel ma jiġi awtorizzat biex jieħu l-identifikaturi bijometriċi, l-istaff tal-missjoni diplomatika jew post konsulari għandu jirċievi taħriġ xieraq sabiex ikun żgurat elenkar li jimxi mingħajr intoppi u b'mod professjonali.

1.E.3 Responsabilità

Kull persuna jew Stat Membru li jkun sofra dannu b'riżultat ta' xi operazzjoni ta' pproċessar illegali jew b'riżultat ta' xi att li jikser dan ir-Regolament għandu jkun intitolat li jirċievi kumpens mill-Istat Membru li jkun responsabbli għad-dannu miġrub. Dak l-Istat Membru għandu jkun eżentat mir-responsabilità tiegħu, jew għal kollox jew b'mod parzjali, jekk jagħti provi li m'huwiex responsabbli għall-ġrajja li tkun wasslet għad-dannu.

Talbiet għall-kumpens kontra Stat Membru għad-dannu msemmi fis-subparagrafu preċedenti għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru konvenut.

1.E.4 Pieni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri

meħtieġa biex ikun żgurat li kull ksur ta' dan ir-Regolament, b'mod partikulari kull użu ħażin ta' data mressqa għal applikazzjoni għal viża, huwa punibbli permezz ta' pieni, inklużi pieni amministrattivi u/jew kriminali skond il-liġi nazzjonali, li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Or. en

Justification

This amendment replaces Amendment 29 of the draft report.

A new part is added with general responsibilities for Member States which seem indispensable for the functioning of the VIS. A provision on the status of documents, data and biometric identifiers is important in order to ensure that they will benefit from consular protection. A provision on training is necessary, given the specific expertise the enrolment of biometrics requires. Rules on liability and penalties are necessary in view of potential damage resulting from acts violating this Regulation. The wording has been clarified to bring it into conformity with the wording in the VIS Regulation.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 54
ARTIKOLU 1 PUNT 3
Punt VII punt 1.E (ġdid) (CCI)

Responsabilità

Kull persuna jew kull Stat Membru li jsofri danni bħala riżultat ta' kwalunkwe azzjoni li tmur kontra dan ir-regolament għandu d-dritt li jitlob kumpens mill-Istat Membru li huwa responsabbli. L-Istat Membru għandu jitqies ukoll bħala responsabbli jekk il-ħsara tkun ġiet ikkawżata minħabba azzjoni li tikser dan ir-regolament li tkun saret minn fornitur estern ta' servizz li miegħu l-Istat Membru jkun qed jopera.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li l-Istat Membru huwa xorta responsabbli anki jekk il-ħsara tkun ġiet ikkawżata mhux mill-Istat Membru nnifsu iżda minn fornitur estern tas-servizz li lilu hija tkun fdat xogħol konness mal-ħruġ tal-viża. L-Istat Membru għalhekk għandu responsabilità minkejja l-fatt li ma jkunx ikkawża l-ħsara. Madankollu, dan huwa ġġustifikat għaliex l-Istat ikun qed jittrasferixxi lil parti privata r-responsabilitajiet sovrani tiegħu (jiġifieri l-ħruġ tal-viża u l-passi preparatorji kollha li jwasslu għal dan). F'termini ta' responsabilità, dan it-trasferiment m'għandux ikun ta' detriment għall-parti offiża (kemm persuna u kemm Stat).

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 55
ARTIKOLU 2

Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżekuzzjoni tar-regolament preżenti sentejn wara li dan jidħol fis-seħħ.	Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżekuzzjoni tar-regolament preżenti sentejn wara li dan jidħol fis-seħħ ***u kull sentejn wara, li jinkludi l-implimentazzjoni tal-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi, l-adegwatezza ta' l-ICAO standard magħżul anki f'termini ta' protezzjoni tad-data, esperjenzi ma' fornituri esterni tas-servizz, inklużi l-problemi kollha li tfaċċaw, il-prinċipju ta' "l-ewwel applikazzjoni" u l-organizzazzjoni tal-mod kif jintlaqgħu u jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għall-viża.. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll statistika dwar il-proporzjon ta' ċaħdiet tal-viża fil-każ ta' persuni li, għal raġunijiet fattwali jew legali, jew ma jistgħux jitteħdulhom il-marki tas-swaba' jew m'għandhomx għalfejn jitteħdulhom. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jinkludi wkoll proposti xierqa għall-emenda ta' dan ir-regolament.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Dwar is-sentenzi minn 1 sa 3, ara l-ġustifikazzjoni tar-rapporteur Ludford għall-emenda 30.

Fil-każ tas-sentenza 2 ara l-ġustifikazzjoni għal Artikolu 1 punt 2 Punt III 1.2 (B, 1). L-ewwel subparagrafu.

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 56
ARTIKOLU 2

Il-Kummissjoni għandha *tagħmel* rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar *l-eżekuzzjoni* tar-regolament preżenti ***sentejn wara li dan jidħol fis-seħħ***.	Il-Kummissjoni għandha***, tliet snin wara li l-VIS tkun bdiet topera u kull erba' snin wara dan iż-żmien,*** *tressaq* rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar *l-implimentazzjoni* tar-regolament preżenti ***inklużi l-implimentazzjoni ta' l-elenkar ta' l-identifikaturi bijometriċi, kemm hu xieraq l-istandard ta' l-ICAO li jkun intgħażel, il-konformità ma' l-istandards għall-ħarsien tad-data, l-esperjenzi ma' fornituri esterni ta'-servizzi, inklużi l-problemi li jkunu nqalgħu, il-prinċipju ta' "l-ewwel applikazzjoni" u l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposti xierqa biex ikun emendat dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 30 ta' l-abbozz tar-rapport. Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda dwar il-premessa 14.